MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 25/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu b' mod civili fl-20 ta' Frar 2000 skond l-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok EG1 ;

2. Illi l-kunsens tal-konvenut huwa ivvizzjat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittjiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ;

3. Illi l-kunsens attrici inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ;

4. Illi l-konvenut ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens taz-zwieg ;

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghala din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex :

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet li sehh fl-20 ta' Frar 2000 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi tenut ta' l-Att taz-Zwieg (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif sussegwentement emendat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-20 ta' Frar 2000 huwa null, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [h], u dak ta' l-attrici fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu, il-konvenut ma pprezentax risposta guramentata, izda fix-xhieda tieghu ddikjara li jaqbel li z-zwieg huwa null

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi mismugha ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti provati ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta’ Frar 2000, fl-istess gurnata meta l-attrici ghalqet it-18-il sena, u meta allura l-konvenut kellu 23 sena. Dawn kienu ilhom jafu lil xulxin circa tlett snin, u fl-ahhar sitt xhur qabel iz-zwieg kienu jghixu flimkien. Il-problemi matrimonjali bdew mill-bidu nett, anke tenut kont tal-fatt li l-konvenut kien jabbuza mill-alkohol, u skond l-attrici, gieghli refa’ jdejh fuqha. L-attrici tghid li sa minn qabel iz-zwieg hu “kien diga’ jisker u jerfa’ jdejh fuqha.”[1] izda hi xorta baqghet mieghu ghax kienet thobbu.

Okkazzjoni minnhom qabel iz-zwieg, l-attrici kienet dahlet tard id-dar tal-genituri taghha, bir-rizultat li kompli jizdied l-inkwiet ma’ missierha li, minn naha tieghu, ma kellux pjacir bir-relazzjoni ta’ bintu, allura minorenni, mal-konvenut peress li dan kien jimmaltrattaha. Rizultat ta’ dan, l-attrici harbet mid-dar tal-genituri u marret tikkonvivi mal-konvenut ; u konsegwentement, meta missierha sar jaf fejn kienet, huwa ried jaqfilha f’ istitut sakemm taghlaq it-tmientax-il sena, izda l-konvenut dahal responsabbli ghaliha mal-pulizija, u ghalhekk hija baghet tghix fil-dar tal-konvenut. Eventwalment il-partijiet iddecidew li jizzewgu, u fl-istess gurnata li l-attrici saret maggjorenni, fl-20 ta’ Frar 2000, huma zzewgu. Fis-27 ta’ Gunju 2001 twieldet it-tifla taghhom.

Illi l-attrici tghid li, anke wara z-zwieg, u anke wara t-twelid tat-tarbija, il-konvenut kien baqa’ jisker u jerfa’ jdejh fuqha meta jkun xurban. Dan kien il-kagun ta’ hafna tilwin matrimonjali, bir-rizultat li f’ Gunju 2002 l-attrici telqet mid-dar konjugali u marret tghix ma’ ommha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi, ghalkemm il-konvenut cahad li hu kien jerfa’ jdejh fuq l-attrici, din il-Qorti hija aktar propensa li taghti affidament lill-verzjoni ta’ l-attrici, u hi tal-fehema li sa minn qabel iz-zwieg il-konvenut ma kienx kapaci jikkonvivi ma’ l-attrici f’

[1] Dep. attrici fol.33 *et seq.*

unjoni diretta lejn il-benessere reciproku. Il-vizzju tieghu tax-xorb kien ta’ xkiel kbir sabiex jinbena bejniethom “a community of love and life.” F’ dan is-sens il-Qorti thoss li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenut kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-hajja matrimonjali.

Illi pero’ huwa gust li jinghad, li ghalkemm fir-rikors promotur dan il-*caput nullitatis* gie attribwit lill-konvenut biss, anke l-istess attrici wriet li ma kinitx gharfet l-import tal-hajja matrimonjali. Dan jirrizulta manifest mill-fatt ammess minnha stess, li, ghalkemm kienet konxja tal-fatt li l-konvenut kien jisker u kien jerfa’ jdejh fuqha qabel iz-zwieg, hija xorta wahda ghaddset rasha u baqghet ghaddejja bid-decizjoni li tizzewgu; dan juri wkoll il-livell gholi ta’ mmaturita’ ta’ l-attrici fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha, u ghalhekk ghandha ggorr parti mir-responsabbilita’.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta’ Frar 2000.

L-ispejjez tar-Registru jkunu a kariku tal-konvenut, filwaqt li l-kumplament ikunu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------